KLR 43/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Lulju 2016 fl-16.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

## 1. Talba

Intqalet it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-minuti

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

## *3.* Dettalji *ERDF*

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri li Carmel u Helen Grech ressqu Protest Ġudizzjarju fil-Qorti tal-Maġistrati kontra l-Kunsill rigward il-bankina ta' maġenb il-knisja ta' Savina. Il-Perit mar fuq il-post u fil-preżenza ta' Carmel Grech, spjega lill-kuntrattur x'għandu jsir sabiex il-bankina titkompla 'l isfel mill-knisja.

3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li fl-20 ta' Ġunju 2016 ltaqa' mal-Perit fejn innotaw fejn hemm xogħol li jrid jitranġa. Il-Perit għandu jħejji lista tagħhom.

Il-membri qablu li:-

3.3 l-Perit Scerri jiġi avżat sabiex jikkordina l-ftuħ tal-*culverts* sabiex minn Pjazza San Ġorġ jiġi kollox komunikat ma Pjazza Indipendenza, Triq Repubblika u Pjazza Savina. Sadanittant għandu jsir it-tindif ta' dawn il-*culverts*.

3.4 ssir laqgħa mal-Perit Scerri u l-*Project Administrator* rigward mistoqsijiet fuq il-proġett tal-ERDF li qajjem il-kunsillier Briffa. Din għandha ssir qabel il-laqgħa li jmiss. Dan jgħodd ukoll għall-proġett tal-*playing field*.

## *4.* Update –*Playing Field*

4.1 Tressqet korrispondenza mingħand l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li saret *Financial Correction* ta' €33,25032 rigward il-proġett tal-*playing field* (Axis 3 M 313). Din kienet mistennija u saret fuq il-materjal li suppost bih inksiet l-art tal-*playing field*. Dan ma sarx peress li l-kuntrattur kien qal li l-materjal mhux ser jasallu fil-ħin.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li sar tentattiv sabiex is-siġra tal-palm li hi nfettata bil-bumunqar aħmar li tinsab fil-*playing field* titneħħa nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2016. Billi hemm mandat fuq din is-siġra, l-Kunsill għarraf lill-parti l-oħra sabiex tkun preżenti waqt it-tneħħija tagħha. L-parti l-oħra ma setgħetx tkun preżenti f'din id-data u l-ħin. S'issa għada ma tneħħietx anke' minħabba l-fatt li din il-palma ma tinsabx fl-*area* devoluta lill-Kunsill.

## 5. Monti, Bejjiegħa tal-Ħut u *Pedestrian Area* Pjazza Indipendenza

<u>Monti u Bejjieħa tal-Ħut</u>

5.1 Fl-24 ta' Mejju 2016 ġie emendat l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ permezz tal-Avviż Legali 192 tal-2016. Dan jgħid li kull fejn jissemma "it-Tokk Victoria" ser jiġi sostitut bi "Pjazza Santa Sabina, Victoria". Il-membri qablu li t-trasferiment tal-monti mit-Tokk għall-Savina għandu jsir b'mod li jiġu affetwati l-inqas parkeġġi possibbli. Qablu wkoll li ssir laqgħa mal-Perit rigward dan sabiex titħejja l-aħjar pjanta possibbli. Sadanittant il-Kunsill għandu jitlob il-lista tal-bejjiegħa tal-monti u tal-bejjiegħa tal-ħut lid-Dipartiment tal-Liċenzji.

<u>*Pedestrian Area* Pjazza Indipendenza</u>

5.2 Wara diskussjoni qasira rigward iż-zona pedonali ta' madwar Pjazza Indipendenza, l-membri qablu sabiex jintalab il-permess ta' *Transport Malta* (TM) biex f'din l-*area* jkun jista' jsir parkeġġ ta' vetturi ħfief bejn is-19.00 u s-07.00.

## 6. Suġġerimenti tal-Ministru għal Għawdex

Fil-laqgħa li ssejjaħ il-Ministru għal Għawdex fl-1 ta' Ġunju 2016 fl-10.30, tressqu dawn il-punti:-

6.1 il-latrina ta' Triq taħt Putirjal titħalla miftuħa matul il-lejl fit-tlett ijiem tal-festi. Il-membri qablu;

6.2 sabiex il-Kunsill jikkunsidra li l-Ħamis filgħodu jiġbor l-iskart minn żoni fejn qed jintefa skart illegalment, fosthom Triq Ġorġ Borġ Olivier u Pjazza Indipendenza. Din il-proposta trid terġa tiġi diskussa minħabba li s-sistema tal-ġbir tal-iskart f'Għawdex ser tinbidel;

6.3 sabiex il-Ministeru għal Għawdex jgħin fl-organiżżazzjoni tal-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni;

6.4 sabiex il-Ministeru għal Għawdex jibni sit alternattiv għall-uffiċini tal-Kunsill fl-*area* ta' taħt il-*Bus Terminus*. Il-Kunsill japrezza din il-proposta pero' ma jaqbilx mal-proposta minħabba l-fatt li sa mill-bidu nett kull Kunsill kien tal-fehma li l-Banca Giuratale kollha għandha tkun is-sit ċentrali minn fejn il-Kunsill jiġi amministrat.

**7. Riorganiżżazzjoni tal-Uffiċċju**

Il-membri qablu li s-sala ta' fuq tiġi organiżżata b'mod li fiha jkun hemm sistema ġdida ta' *filing* għad-dokumenti tal-Kunsill. Dan sabiex jinħoloq aktar spazju. F'din is-sala għandhom isiru wkoll skrivaniji għas-Segretarju Eżekuttiv u għall-iskrivani. Il-membri qablu li r-Reġjun t'Għawdex għandu jiġi nfurmat sabiex jibda jħejji biex isib post alternativ minn fejn jiġi amministrat.

**8. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

Ġew approvati l-kontijeit għax-xhur ta' Ġunju, Lulju w Awwissu 2016 skont kif anness f'dokument A, B u Ċ rispettivament.

**9. Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għal-:-

9.1 *single yellow line* biswit il-garaxxijiet 4A u 4B fi Triq San Duminku;

9.2 zona pedonali fl-isqaq biswit il-Konservatorju tal-Isqof fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

9.3 *speed limit signs* fi Triq Wied il-Lunzjata;

9.4 *traffic mirror* quddiem il-parkeġġ ta' 'Manresa Hosue', fi Triq il-Mitħna;

9.5 *1.5 m keep clear quddiem* 18, Pjazza Santu Wistin;

9.6 *un/loading bay* quddiem il-klinika tal-Vet fi Triq Wied is-Seqer;

9.7 *one metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Citadel Court' Triq il-Kapuċċini;

9.8 *one metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tad-*drive-way* ta' 'Green Meadows', Triq l-Imgħallem;

9.9 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 19, Triq San Duminku. Din reġgħet intalbet mill-Kunsill sabiex tibqa' tiġi utilizżata minn min għandu l-*blue sticker*, wara li Paul Sacco, li kien talab għal din il-kaxxa, issa ġie nieqes.

9.10 Ma nħariġx il-permess għall-*un/laoding bay* quddiem 'L&M Motorcyles' ta' Triq it-Tabib Anton Tabone.

9.11 TM ressqet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' George Cassar, Blk G, Flat 4, Taċ-Ċawla. Għandha timtela u tintbagħat il-formola rikjesta.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

9.12 issir *road hump* quddiem 'JohnMary Mansion' Triq il-Madonna tal-Ġilju. Dan wara li ġew ikkonsultati r-residenti tan-naħħa l-oħra tat-triq;

9.13 isiru *double yellow lines* fi Triq id-Dawwara, n-naħħa l-oħra ta' 'Xerri's Garden Centre';

9.14 issir *un/laoding bay* quddiem 'Il-Mehrież' Triq Kerċem;

9.15 issir *keep clear* quddiem 'Redentur' Triq Santa Dminka;

9.16 issir *un/laoding bay* quddiem 'J Agius Industrial Supplies', Triq Karlu Galea;

9.17 isir *one metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Animor' Triq Fancesco Masini;

9.18 isir *one metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx fi Triq Għajn Qatet kantuniera ma Triq it-8 ta' Diċembru;

9.19 isir *one metre double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Sacred Heart' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Jekk b'dawn is-sinjali l-vettura minn dan il-garaxx xorta ma tkunx tista' toħroġ, TM għandha tiġi mistoqsija wkoll jekk hemmx il-bżonn li jsir *double yellow line* faċċata tal-garaxx;

9.20 issir is-senjaletika neċessarja fi Triq iż-Żebbuġ fl-*area* ta' fejn 'Brookies Restaurant'. Dan wara suġġeriment tal-Pulizija;

9.21 fi Triq taħt Putirjal n-naħħa tal-*bus terminus* l-art minn fejn jgħaddu tal-linja tinżebaħ ħadra.

9.22 Rigward il-parkeġġ tal-MTA li sar fi Pjazza Indipendenza, TM ġiet infurmatha li ġaladarba din ma saritx jew ma ntalbitx biex issir f'dan il-post mill-Kunsill innifsu, mhix kompetenza tal-Kunsill li jgħid din għandiex titneħħa jew le. Madankollu l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk din il-kaxxa tiġi spostjatja għal x'imkien ieħor fejn tkun ta' inqas inkonvenjent.

9.23 Saret diskussjoni rigward r-*road markings* tal-*area* ta' Qasam San Ġorġ. Il-membri qablu li l-Perit għandu jħejji pjanta sabiex din titressaq quddiem TM għall-approvazzjoni. Barra minn dak neċessarju f'din il-pjanta għandu jkun hemm indikati ċari l-*parking bays*, senjaletika għal min ikun ħiereġ minn Santa Luċija u parkeġġi fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-i*stop signs* ġew immarkati minn naħħa ta' TM.

9.24 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li fi Triq Sant Ursola l-persuni li għandhom permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' huma Angel Grech ta' '81' u Joseph Farrugia ta' '77'.

9.25 Tressqet korrispondenza mingħand Joseph Attard li talab sabiex isiru sinjali sofor u/jew *Keep Clear* quddiem l-isqaq fi Pjazzetta Patri Akkrusju Xerri u anke' jiġu mmarkati l-*parking bays* f'din l-istes pjazzetta. Il-membri ma ħadux deċiżjoni f'dan ir-rigward.

**10. Korrispondenza**

Tressqet Korrispondenza mingħand:-

10.1 l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li saret *Financial Correction* ta' €36,751.01 rigward il-proġett Axis 4 M 413.4 *2nd Call* li kien ikopri t-tisbiħ tal-widien Lunzjata u Żejta. Din kienet mistennija peress li l-proġett ma kienx ser jilħaq isir u twaqqaf wara li l-Awtoritajiet konċernati ġew infurmat;

10.2 l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li saret *Financial Correction* ta' €85,332,41 rigward il-proġett Axis 3, M313 li kien ikopri l-proġett ta' Pjazza San Ġorġ u t-toroq tal-madwar. Minn dan il-proġett li laħaq isir kien biss il-bdil tal-madum ta' Pjazza San Ġorġ. Il-bqija' tax-xgogħol ma sarx peress li ma kienx baqa' żmien biżżejjed u l-Awtoritajiet konċernati kien nmfurmati b'dan;

10.3 il-*Monitoring Unit* fi ħdan il-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG) fejn inġibdet l-attenzjoni li għas-sena li għalqet 2015 jirriżulta li l-Kunsill irreġistra żbilanċ finanzjarju ta' €501,734 fil-*working capital*. Is-Sindku rrispondi din il-korrispondenza u spjega li dan irriżulta minħabba d-differneza fil-*current liabilites* (€1,052,661) u l-*current assets* (€541,927). Il-*current liabilites* jikkonsistu fil-krедituri normali tal-kunsill li jammontaw għall-€462,552 u l-bqija jikkonsistu f'*accruals* ta' spejjes li l-kredituri jkunu għad ma bgħatux il-kont. Ma l-*accruals* hemm l-ammont tax-xogħol li sar fuq it-toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo taħt l-iskema PPP. Dawn iridu jitħallsu fi tmin snin. Teknikament, il-bqija li jammontaw għall-€369,116 huma *long term liabilities* u kellhom ikunu riklassifikati mill-*current liabilites*. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li fl-aħħar sentejn il-Kunsill kellu proġetti ta'skala kbira ffinanzjati mill-UE li saru mingħajr ma ttieħed ebda' self mill-bank u l-Kunsill għadda minn kull test finanzjarju u kellu l-apporvazzjoni tad-DLG sabiex jamministra dawn il-proġetti. Fil-preżent il-Kunsill m'għandux proġetti kapitali pjanati u qed ilseti dawn il-proġetti msemmmija;

10.4 l-Uffiċċju tal-Anzjani fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li matul is-sena 2015 fiċ-Ċentru Matul il-Jum għal Anzjani, attendew 974 anzjani Rabtin;

10.5 l-Avukat Tatiane Scicluna Cassar għan-nom tal-Minsiteru għal Għawdex fejn kitbet rigwad il-fond ta' *eco-gozo* li kien approvat li jingħata fuq il-proġett tal-*playing field*. Il-membri qablu li l-avukat tal-Kunsill għandha tirrispondi u l-Kunsill jibqa jinsisti li l-ewwel allokazzjoni li ngħatat ta' €21,000 tibqa' għand il-Kunsill u tinsisti wkoll li jingħataw il-bqija;

10.6 l-'Environment & Resources Authority' fejn inħareġ il-permess għaż-żbir tas-siġar ta' quddiem l-iskola primarja ta' Triq Vajrinġa;

10.7 l-'Environment & Resources Authority' fejn tressaq ilment mill-pubbliku li fi Triq Mattia Preti qed issir ħasil ta' *mobile toilets* u pparkjar ta' *bowsers* li meta jkunu jaħdmu toħroġ riħa ta'żejt maħruq. Il-Kunsill għadda dan l-ilment lill-Pulizija;

10.8 id-Direttorat għal-Kwalita' u l-i*Standards* fl-Edukazzjoni fejn intweriet ix-xewqa li jsir proġett mal-Kunsill fejn jiġi promoss is-suġġett tax-Xjenza mat-tfal. Dan bl-isem ta' *Junior Science Clubs.* Il-membri qablu li jsir dan il-porġett;

10.9 il-Wasteserv fejn qed jippjanaw proġett sabiex f'Għawdex jibda jinġabar l-iskart orgnaiku. Is-Sindku ssuġġerizza li l-ġranet ikunu hekk:- it-Tnejn isiru żewġ ġabriet, organiku w mħallat, it-Tlieta jinġabar ir-riċiklat, l-Erbgħa l-organiku, l-ewwel Ħamis tax-xahar jinġabar il-ħġieġ, il-Ġimgħa l-orgnaiku u s-Sibt l-imħallat. Il-membri qablu;

10.10 id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fejn ġie rappurat li qed jinġema l-iskart fejn Blokk C f'taċ-Ċawla H. E. Il-kusnill kien neħħa dan l-inkonvenjent minnufih;

10.11 Mary Portelli fejn issuġġerit li l-Kunsill jagħmel biċċa arti tal-mużajk. Il-membri qablu li din tista' ssir fil-*playing field*. Il-Kunsill għandu jistaqsi kemm tiġi tiswa;

10.12 John Saliba għan-nom ta' Tiġrija Palazz fejn il-Kusnill ġie mgħarraf li qed issir ħsara fil-kantina minħabba ħsarat li hemm fil-latrina ta' Triq taħt Putrijal. Dawn qed javżaw lill-kumpanija tal-assikurazzjoni tagħhom u qed jissuġġerixxu li l-lattrina tinqala u ssir aktar adekwata. Dan ma jistax isir minn naħħa tal-Kunsill peress li din mhix devoluta u mhix propjeta' tal-Kunsill;

10.13 James Wilberforse fejn qed jitlob li jtella' wirja tal-arti fis-sal tal-Kunsill bejn il-5 u l-21 t'Awwissu 2016. Il-membri qablu u għandha tingħata pittura bħala donazzjoni lill-Kunsill kif isir kull meta ssir wirja;

10.14 'Refab Malta' li jirriċiklaw il-ħwejjeġ u ż-żraben. Qed jissuġerixxu li jitpoġġa kontenitur fir-Rabat li fih jintremew ħwejjeġ u żraben. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li dan isir fejn il-*bring-in site* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*;

<u>Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq</u>

Il-membri qablu li:-

10.15 ssir bozza ġdida li tiswa €136.25 fuq arblu eżistenti fi Triq ta' Pinu quddiem ir-razzett ta' Adeodata u Joseph Saliba;

10.16 tinbidel bozza li qed tikkawża ħsara mal-bini ta' Patrick Camilleri fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Din ser tiswa €112.34;

10.17 jitneħħa arblu tad-dawl quddiem 235/237 Triq Għajn Qatet peress li jrid jitwaqqa l-bini biex jinbena post ġdid;

10.18 tiġi ordnata bozza 79W biex teħel ma' 'Santa Martha' fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace;

10.19 jiġi propost li ssir bozza oħra fi Triq Għajn Qatet qrib l-isptar.

10.20 Tressqet talba mill-Perit Saviour Micallef sabiex il-Kunsill iħarrek il-*cables* tad-dawl li hemm fil-propjeta' tiegħu li tinsab mal-parkeġġ tal-isptar. L-Enemalta qed tissuġġerixxi li dan ix-xogħol isir minn naħħa tal-kunsill. Il-membri ma qablux peress li dan ix-xogħol sar qabel saret id-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq u jekk kien xogħol li sar żbaljat, l-Enemalta għandha tirmedja għalih.

10.21 Rigward il-bozza li għandha teħel fi Triq Karolina Cauchi, l-enġiniera qed jissuġġerixxu li d-*demarcation box* teħel ma propjeta privata. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li din teħel mal-arblu stess li għandu jsir.

<u>Korrispondneza relatata ma' permessi għall-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet</u>

10.22 Tressqet talba sabiex 'Bellusa Snack Bar' ta' 34, Pjazza Indipendenza jpoġġi mwejjed u siġġijiet fuq il-latrina tat-Tokk. Il-membri ma qablux peress li l-Kunsill qed jissuġġerixxi li f'din l-*area* jerġa' jkun hemm il-perkeġġ bejn is-19.00 u s-07.00, għadha qed tintuża mill-bejjiegħa tal-ħut u l-Kunsill jaqbel li l-imwejjed u s-siġġiet fi Pjazza Indipendenza jitpoġġew biss fuq n-naħħa ta' ġew.

10.23 Il-kunsillier Tabone ħareġ mill-kamra sakemm ġiet diskussa din l-*item*. Tressqet talba għall-*clearance* ta' 'Coffee Break' fi Triq taħt Putirjal sabiex iqiegħed mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

10.24 Is-Sindku ħareġ mill-kamra sakemm ġiet diskussa din l-*item*. Il-Perit Saviour Micallef kiteb għan-nom ta' sid il-ħanut ta' 5 Pjazza Savina fejn qed jitlob il-*clearance* tal-Kunsill sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fil-parkeġġi ta' quddiem dan il-ħanut. Il-membri qablu li fil-preżent il-priorita' ta' Pjazza Savina hi l-monti. Din id-deċiżjoni mhix ser tittieħed għal issa u għandu jiġi kkonsultat il-Perit rigward jekk ikunx hemm wisa' biżżejjed.

## 11. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

11.1 jiġi rappurtat lill-gwardjani lokali minħabba l-fatt li fit-toroq Għajn Qatet, 8 ta' Diċembru u Pompei, xi residenti qed joħorġu s-siġġijiet fil-parkeġġi sabiex il-vetturi ma jkunux jistħu jipparkjaw fihom;

11.2 għas-sajf li ġej jiġi suġġerit lill-MTA sabiex Triq il-Madonna tal-Karmnu tiġi mniżżla fil-lista li fiha ma jkunx jista' jsir demolizzjoni u tħammil matul il-ġranet tas-sajf;

11.3 l-*items* mniżżla fil-lista annessa f'dokument D jitneħħew (*disposal of assets*) mil-kotba finanzjarji tal-Kunsill. Dawn huma toroq u pjazzez li saru proġetti fihom u ngħataw wiċċ ġdid;

11.4 titranġa bankina quddiem 51, Triq iċ-Ċangar peress li nkissret parti minnha;

11.5 titneħħa ż-żurżieqa li hemm fil-*playing field* tal-*Housing Estate* taċ-Ċawla peress li hi perikoluża;

11.6 ssir bankina quddiem 104/105 fi Triq Vajrinġa;

11.7 żewġ *areas* fil-*playing field* jimtlew bil-ħamrija sabiex jintużaw mill-iskola St. Francis u *Rabat Gozo Primary* sabiex l-istudenti jħawlu pjanti fihom bħala parti mill-proġett Eko Skola;

11.8 jsiru t-trattamenti neċessarji lis-siġar tal-palm tal-*playing field*. Dan skont l-istima ta' 'Xerri's Garden Centre';

11.9 jekk m'għadux validu, jitneħħa l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem 15, Triq Sir Arturo Mercieca;

11.10 jiġi propost lir-Reġjun Għawdex sabiex issir sistema ta' *CCTV camera* fl-*area* ta' Triq taħt Putirjal ma Pjazza San Franġisk;

11.11 jitħawlu ammont ta' siġar fil-*playing field* u madwar ir-Rabat. Il-kunsillier Briffa għarraf lill-membri li dawn ser jingħataw bħala donazzjoni minn Hadrien Majoie fl-okkażjoni ta' għeluq snin martu, s-Sinjura Marina Majoie;

11.12 fir-rigward tal-*Youth Excahnge* li ser issir bejn l-4 u t-12 ta' Lulju 2016 fi Slovenia l-Kunsill iħallas il-mejda Maltija u t-trasport tal-parteċipanti miċ-Ċirkewwa għall-ajruport u lura;

11.13 l-permess ta' kjosk li jinħareġ lill-vann tal-ġelat fil-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija fi Triq Sir M'Anġelo Refalo jinħareġ bil-kundizzjoni li ma jkunx quddiem ir-residenza numru 37 u ma joħroġx il-barra fi Triq Sir Adrian Dingli. Mis-sena 2017 'l quddiem m'għandhomx jinħarġu permessi ta' kjosks f'dan il-post;

11.14 s-Sindku jiġi appuntat bħala r-rappreżentant u l-firmatorju tal-Kunsill għall-kuntratt pubbliku tal-'Gozo Acton Group Foundation';

11.15 titranġa l-*greasestrap* ta' quddiem 'Cafe' San Ġorġ' fi Pjazza San Ġorġ;

11.16 Tressqu suġġerimenti mill-iskola Sekondarja tas-Subien. Fost il-proposti fattibbli hemm li jiżdiedu l-*litter bins* quddiem l-iskola, jsiru *litter bins* għall-ħmieġ tal-*pets u* ssir talba lill-Wasteserv sabiex tipprovdi *recylce bins* biex jintużaw mill-istudenti fil-bini tal-iskola.

11.17 Il-membri ma qablux li sidien tal-ħwienet fi Pjazza San Ġorġ jinħarġilhom il-permess, kif jinħareġ lir-residenti, sabiex ikunu jistgħu jidħlu jħottu f'kull ħin. Dan peress li l-ħin allokat għall-*un/laoding* hu biżżejje

11.18 Tressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jerġa' jpoġġi l-*bring-in site* wara l-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-membri ma qablux peress li dawn tneħħew wara bosta tentattivi mill-Kunsill sabiex ma jkunx hemm abbużi ta' rimi illegali u anke' wara li r-residenti li huma fil-qrib kellhom ilmenti ġustifikati fir-rigward ta' dawn il-*bins*.

11.18 Il-kunsillier Briffa ġibed l-attenzjoni li fi Pjazza San Franġisk qed isir parkeġġ bl-addoċċ peress li m'hemmx spazju biżżejjed u jekk xi ħadd jipparkja għall-ħin qasir fil-parkeġġ riservat għall-Maġistrat Vella jaqla' ċitazzjoni dak il-ħin. Is-Sindku qal li diġa' kiteb fuq din il-materja lill-Minsitru tal-Ġustizzja li dan qabbad lill-Diretur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja sabiex jidħol fil-kas. Dan tal-aħħar qali li mhux kompitu tiegħu jara fejn isir dan il-parkeġġ u li l-maġistati għandhom dirtt għalih. Il-membri qablu li għandha terġa tinkiteb ittra rigward din il-problema lill-TM u lill-Ministru tal-Ġustizzja. Dan minħabbal-fatt li l-Maġistrat Vella mhix residenti fl-akwati ta' Pjazza San Franġisk u għaldaqstant il-Kunsill jisħaqq li m'għandux ikollha parkeġġ riservat f'din l-*area* tant sensittiva.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 19 t'Awwissu fis-18.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv